



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2011/0340(COD)

4.6.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
programm tal-konsumaturi 2014-2020
(COM(2011)0707 – C7-0397/2011 – 2011/0340(COD))

Rapporteur għal opinjoni: José Manuel Fernandes

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni pproponiet li toħloq Programm tal-Konsumaturi għall-perjodu 2014-2020 permezz ta' Regolament, ibbażat fuq l-Artikolu 169 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-appropriazzjonijiet finanzjarji totali għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandhom jammontaw għal **EUR 197 miljun** fil-prezzijiet attwali.

Il-Programm tal-Konsumatur ġdid se jsostni l-oġettiv ġenerali tal-politika tal-konsumatur tal-futur billi jpoġġi l-konsumatur mogħti s-setgħa fiċ-ċentru tas-Suq Uniku.

Ir-Rapporteur, wara li eżamina l-abbozz tal-att leġiżlattiv:

- jilqa' l-Proposta mill-Kummissjoni li jinholq il-Programm tal-Konsumaturi għall-2014-2020 u jenfasizza li l-Proposta trid tikkorrispondi mal-Istrateġija Ewropa 2020 u tikkontribwixxi għall-oġettivi tagħha;
- jemmen li, meta jitqies il-bżonn li jitmexxa 'l quddiem t-tkabbir ekonomiku fl-UE, il-Programm tal-Konsumaturi jrid jgħin liċ-ċittadini Ewropej jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom tas-Suq Uniku, peress li l-konsumaturi, bħala l-mira ewlenija ta' dan il-programm, għandhom ikunu informati tajjeb bid-drittijiet tagħhom u l-modi kif jistgħu jużawhom kif ukoll jafdaw bis-sħiħ l-atturi varji li jiffurmaw is-Suq Uniku;
- jenfasizza li l-baġit totali propost tal-Programm tal-Konsumaturi 2014-2020, li jammonta għal EUR 197 miljun (fi prezzijiet attwali), huwa modest, iżda li EUR 20.65 miljun għan-nefqa amministrattiva, li tiġi mill-implimentazzjoni tal-programm, hija għolja;
- jappoġġa l-Opzjoni 2 tal-Kummissjoni li tirriżulta mill-Valutazzjoni tal-Impatt, peress li hija konformi mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni (Ewropa 2020, Att dwar is-Suq Uniku) u mar-riflessjoni li għaddejja bħalissa dwar il-futur tal-politika tal-konsumaturi;
- isostni li l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi hija prijorità transezzjonali u għalhekk, trid tkun preżenti, kull meta possibbli, fl-azzjonijiet kollha ffinanzjati mill-programm il-ġdid u miġbura fl-erba' oġettivi li ġejjin: (1) Sikurezza, (2) Informazzjoni u edukazzjoni, (3) Drittijiet u rimedju, u (4) Infurzar;
- jitlob li jitqies il-ħolqien taċ-Ċentru Ewropew ta' Akkreditazzjoni għall-kumpaniji onlajn, li jwassal biex il-konsumaturi jivverifikaw il-kredibilità u l-affidabilità tal-kumpaniji, tiżdied il-kunfidenza tal-konsumaturi u titjeb it-trasparenza tat-tranżazzjonijiet onlajn;
- jiddefendi l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, trasparenza u flessibilità fl-implimentazzjoni tal-programm; għaldaqstant, il-ħolqien ta' aġenzija eżekuttiva se tkun permessa biss abbażi ta' riżultat pożittiv ta' analiżi indipendenti tal-kost-benefiċċju;
- jenfasizza l-bżonn li jkunu stabbiliti sett ta' indikaturi statistiċi adegwati, li għandhom ikunu mmonitorjati fuq bażi annwali, fil-livell tal-UE li jkejjel il-funzjonament tas-Suq Uniku;
- jemmen li l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi għandhom ikunu appoġġati, iżda, fl-istess ħin, jitlob għal parteċipazzjoni individwali aktar b'saħħitha u, b'mod partikolari, titjeb tal-użu min-naħa tal-konsumaturi tal-istrumenti ICT u l-ħolqien ta' pjattaforma

elettronika għall-UE li permezz tagħha jitressqu l-ilmenti kif ukoll titqassam u tkun miksuba l-informazzjoni;

- iħeġġeġ il-ħolqien ta' pjattaformi onlajn u għodda ta' software biex il-konsumaturi u l-kumpaniji jkunu iktar qrib is-suq;
- jappoġġa l-iżvilupp ta' pjattaformi interattivi għall-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-materjali ta' taħriġ dwar l-edukazzjoni tal-konsumaturi u jissuġġerixxi li l-aktar gruppi vulnerabbli jixirqilhom attenzjoni speċjali sabiex jitkattar it-tkabbir inklussiv.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda

1a. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 bit-titlu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inkluziva¹; itenni li huma meħtieġa riżorsi addizzjonali suffiċjenti fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss sabiex l-Unjoni tkun tista' tissodisfa l-prijoritajiet politiċi eżistenti tagħha u twettaq il-kompiti ġodda previsti fit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll biex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux mistennija; jirrimarka li anke b'żieda ta' mill-inqas 5% fil-livell tar-riżorsi għall-MFF li jmiss meta mqabbel mal-livell tal-2013, tkun tista' ssir biss kontribuzzjoni limitata għall-ilħuq tal-oġettivi u l-impenji miġstiehma tal-Unjoni u għall-prinċipju tas-solidarjetà tal-Unjoni; jisfida lill-Kunsill, jekk ma jaqbilx ma' dan l-approċċ, biex jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet jew proġetti politiċi tiegħu jistgħu jitneħħew kompletament, minkejja l-valur miżjud Ewropew evidenti

tagħhom;

¹ *Testi adottati, P7_TA(2011)0266.*

Emenda 2

**Abbozz ta' risoluzzjoni leġislattiva
Paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Jenfasizza li l-baġit totali propost tal-Programm tal-Konsumaturi 2014-2020, li jammonta għal EUR 197 miljun (fi prezzijiet attwali) huwa modest u jinnota li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġislattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġislattiva u ma jistax jiġi stabbilit sakemm ikun hemm ftehim dwar il-proposta għal regolament li jistabbilixxi MFF għas-snin 2014-2020;

Emenda 3

**Abbozz ta' risoluzzjoni leġislattiva
Paragrafu 1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Iqis li EUR 20.65 miljun għan-nefqa amministrattiva, li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-programm, bħala għolja u jistieden lill-Kummissjoni biex tiġġustifika u tevalwa mill-ġdid dik in-nefqa;

Ġustifikazzjoni

Peress li l-ammont totali tal-programm huwa ta' 197 miljun, 20.65 miljun għan-nefqa amministrattiva hija aktar minn 10 fil-mija tal-pakkett totali.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti fi programm tal-konsumaturi għall-perjodu 2014 – 2020 (minn hawn 'il quddiem "il-Programm"), li jipprovdi qafas għall-finanzjament ta' azzjonijiet tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 49 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, dan ir-Regolament jipprovdi l-bażi legali għall-azzjoni u għall-implimentazzjoni tal-Programm. Dan ir-Regolament jkompli jibni fuq l-azzjonijiet iffinanzjati skont id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013).

Emenda

(4) Dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti fi programm tal-konsumaturi għall-perjodu 2014 – 2020 (minn hawn 'il quddiem "il-Programm"), li jipprovdi qafas għall-finanzjament ta' azzjonijiet tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 49 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ***u r-reviżjoni sussegwenti tiegħu bir-Regolament Nru XXX/201Y***, dan ir-Regolament jipprovdi l-bażi legali għall-azzjoni u għall-implimentazzjoni tal-Programm. Dan ir-Regolament jkompli jibni fuq l-azzjonijiet iffinanzjati skont id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013).

¹ *COM(2010)0815.*

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Huwa importanti li jissaħħaħ il-ħarsien tal-konsumatur. Biex jinkiseb dan l-oġettiv ġenerali, iridu jiġu stabbiliti oġettivi speċifiċi rigward is-sigurtà, l-informazzjoni u l-edukazzjoni tal-konsumatur, id-drittijiet u r-rimedji kif ukoll l-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur. Il-valur u l-impatt tal-miżuri meħudin taħt il-Programm għandhom jiġu monitorjati u evalwati ***regolarment***. Għall-finijiet li tiġi evalwata l-politika tal-konsumatur, għandhom jiġu

Emenda

(5) Huwa importanti li jissaħħaħ il-ħarsien tal-konsumatur, ***b'iffukar partikolari fuq gruppi vulnerabbli sabiex jinkiseb l-oġettiv ta' tkabbir inklużiv***. Biex jinkiseb dan l-oġettiv ġenerali, iridu jiġu stabbiliti oġettivi speċifiċi rigward is-sigurtà, l-informazzjoni u l-edukazzjoni tal-konsumatur, id-drittijiet u r-rimedji kif ukoll l-infurzar tad-drittijiet tal-konsumatur. Il-valur u l-impatt tal-miżuri meħudin taħt il-Programm għandhom jiġu

żviluppanti l-indikaturi.

monitorjati u evalwati *kull sena, u rrapportati lill-Parlament Ewropew*. Għall-finijiet li tiġi evalwata l-politika tal-konsumatur, għandhom jiġu żviluppanti l-indikaturi. *Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sett ta' indikaturi statistiċi adegwati fil-livell tal-Unjoni, pereżempju għal bejgħ transkonfinali u bejgħ onlajn, sabiex jiġu valutati r-riżultati u l-progress fit-titjib tal-funzjonament tas-suq uniku.*

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-politika tal-konsumatur huwa li jkun ta' kontribut għall-funzjonament tas-Suq Uniku; għalhekk, il-progress tiegħu jrid jitkejjel ukoll, minkejja l-fatt li fatturi oħra apparti l-politika tal-konsumatur jikkontribwixxu wkoll għas-Suq Uniku.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Fl-ispirtu tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, ta' trasparenza u ta' flessibilità fl-implimentazzjoni tal-Programm, il-kontinwazzjoni tal-aġenzija eżekuttiva għandha tkun permessa biss fuq il-bażi ta' riżultat pożittiv ċar ta' analiżi kost-benefiċċju ġdid u indipendenti.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9b) Għall-perjodu 2007-2013, ġew allokati madwar EUR 157 miljun (fi prezzijiet kostanti tal-2011) lill-Programm ta' Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur. Il-pakkett

finanzjarju propost ta' EUR 175 miljun (fi prezzijiet kostanti tal-2011) għall-Programm tal-Konsumatur 2014-2020 jirrappreżenta żieda modesta filwaqt li l-Unjoni għandha bżonn timplimenta b'mod effikaċi l-ambizzjonijiet tagħha fil-qasam tal-politika tal-konsumatur kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2012 bl-isem "Aġenda għall-Konsumaturi Ewropej - Spinta lill-fiduċja u lit-tkabbir", appoġġata mill-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni;

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 9c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9c) In-nefqa tal-fondi tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tas-sikurezza tal-konsumaturi, l-educazzjoni, id-drittijiet u l-infurzar għandha tkun koordinata aħjar sabiex tiżgura l-komplimentarjetà, effiċjenza u viżibilità aħjar, kif ukoll biex tikseb sinerġiji baġitarji aħjar.

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tippruva żżid il-kapaċità tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-konsumaturi speċjalment fl-Istati Membri b'kultura tal-konsumatur relattivament iktar dgħajfa, permezz ta' ġbir u koordinazzjoni aħjar tar-riżorsi.

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-għan tal-Programm huwa li jappoġġja l-oġettiv tal-politika tal-konsumatur li tpoġġi l-konsumatur mogħti s-setgħa fiċ-ċentru tas-suq intern. Il-Programm se jilħaq

L-għan tal-Programm huwa li jappoġġja l-oġettiv tal-politika tal-konsumatur li tpoġġi l-konsumatur mogħti s-setgħa fiċ-ċentru tas-suq intern. Il-Programm se jilħaq

dan l-objettiv billi jikkontribwixxi għall-ħarsien tas-saħħa, is-sigurtà u l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll billi jippromwovi d-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u biex jorganizzaw irwieħhom sabiex iħarsu l-interessi tagħhom. Il-Programm se jikkomplimeta, isostni u jimmonitorja l-politiki tal-Istati Membri.

dan l-objettiv billi jikkontribwixxi għall-ħarsien tas-saħħa, is-sigurtà u l-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, kif ukoll billi jippromwovi d-dritt tagħhom għall-informazzjoni, l-edukazzjoni u biex jorganizzaw irwieħhom sabiex iħarsu l-interessi tagħhom. Il-Programm se jikkomplimeta, isostni u jimmonitorja l-politiki tal-Istati Membri. ***Il-programm se jikkomplementa wkoll u joħloq sinerġiji mal-istrumenti u l-politiki l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-programm Multiannwali "Drittijiet u Ċittadinanza" 2014-2020 li jinkludi, bħala wieħed mill-objettivi tiegħu, l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi¹.***

¹ ***Objettiv [(e)] tar-Regolament (UE) Nru XXX/201Y [li jistabbilixxi, għall-perjodu 2014 sa 2020, il-Programm Drittijiet u Ċittadinanza].***

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Informazzjoni u parteċipazzjoni tal-konsumaturi ta' kwalità għolja hija prijorità transettorjali u għalhekk, trid tkun preżenti f'waqtha, kull meta possibbli, fl-objettivi u fl-azzjonijiet settorjali kollha ffinanzjati mill-Programm.

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tipprova żżid il-profil ta' parteċipazzjoni informata tal-konsumaturi inġenerali, peress li l-għan aħħari tal-programm huwa li l-konsumatur jitqiegħed fil-qalba tas-Suq Uniku.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 4 - paragrafu 1 - punt a - punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) it-twaqqif ta' Ċentru ta' Akkreditazzjoni Ewropew għal Kumpaniji Onlajn sabiex titjeb it-trasparenza, iċ-ċertezza legali u s-sikurezza tal-konsumaturi waqt il-parteċipazzjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji onlajn, wara analiżi kost-benefiċċju;

Ġustifikazzjoni

Iċ-Ċentru ta' Akkreditazzjoni Ewropew għal Kumpaniji Onlajn jippermetti li l-konsumaturi jivverifikaw il-kredibilità u l-affidabilità ta' kumpaniji, tiżdied il-kunfidenza tal-konsumaturi u titjeb it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet onlajn.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c – punt 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) il-ħolqien ta' pjattaforma elettronika tal-Unjoni, li permezz tagħha l-konsumaturi jistgħu jressqu ilmenti, jaqsmu u jirċievu informazzjoni, jikklassifikaw prodotti u jiksbu parir espert;

Ġustifikazzjoni

Il-ħolqien ta' pjattaformi onlajn u għodda ta' software biex il-konsumaturi u l-kumpaniji jkunu eqreb tas-suq jikkontribwixxi għal parteċipazzjoni aktar effikaċi.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Qafas finanzjarju

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm huwa ta' EUR 197 000 000 fi prezzijiet attwali.

Emenda

Baġit

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm, *fit-tifsira tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' XX/201Y bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba¹*, huwa ta' EUR 197 000 000 fi prezzijiet attwali. *L-appropriazzjoni annwali għandha tkun awtorizzata mill-awtorità baġitarja.*

¹ ĠU...

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni timplimenta l-Programm permezz ta' modi ta' ġestjoni msemija fl-Artikolu 53 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

Emenda

Il-Kummissjoni timplimenta l-Programm permezz ta' modi ta' ġestjoni msemija fl-Artikolu 53 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 *jew il-verżjoni modifikata tiegħu skont ir-Regolament Nru XXX/201Y¹.*

¹ COM(2010)0815.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni timplimenta l-Programm billi tadotta programmi ta' ħidma annwali fl-għamla ta' atti ta' implimentazzjoni *li*

Emenda

Il-Kummissjoni timplimenta l-Programm billi tadotta programmi ta' ħidma annwali fl-għamla ta' atti ta' implimentazzjoni.

jistabbilixxu l-elementi stipulati fir-Reglament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u b'mod partikolari:

- (a) il-prijoritajiet ta' implimentazzjoni u l-azzjonijiet li jridu jittieħdu, inkluż l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji;
- (b) il-kriterji tal-għażla u ta' għotja essenzjali biex jintużaw sabiex jintgħażlu l-proposti li se jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji;
- (c) l-iskeda taż-żmien tas-sejħiet għall-offerti u s-sejħiet għall-proposti ppjanati;
- (d) *fejn hu l-każ*, l-awtorizzazzjoni biex jintużaw ammonti b'rata fissa, skali standard ta' kostijiet tal-unità jew finanzjament b'rata fissa b'konformità mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002;
- (e) il-kriterji biex ikun ivvalutat jekk tapplikax jew le l-utilità eċċezzjonali.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu l-elementi stipulati fir-Reglament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 kif rivedut bir-Regolament XXX/201Y u b'mod partikolari:

- (a) il-prijoritajiet ta' implimentazzjoni u l-azzjonijiet li jridu jittieħdu, inkluż l-allokazzjoni *indikattiv* tar-riżorsi finanzjarji;
- (b) il-kriterji tal-għażla u ta' għotja essenzjali biex jintużaw sabiex jintgħażlu l-proposti li se jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji;
- (c) l-iskeda taż-żmien tas-sejħiet għall-offerti u s-sejħiet għall-proposti ppjanati;
- (d) *kull meta jkun possibbli*, l-awtorizzazzjoni biex jintużaw ammonti globali, skali standard ta' kostijiet tal-unità jew finanzjament b'rata fissa b'konformità mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 *kif rivedut bir-Regolament XXX/201Y*;
- (e) il-kriterji biex ikun ivvalutat jekk tapplikax jew le l-utilità eċċezzjonali.

¹ *ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. Mhux iktar tard minn nofs l-2018, il-

PE487.806v02-00

Emenda

2. Mhux iktar tard minn nofs l-2018, il-

AD\903983MT.doc

12/14

kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-realizzazzjoni tal-obiettivi tal-miżuri kollha (fil-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza tal-użu ta' riżorsi u l-valur addizzjonali Ewropew ta' dan, fid-dawl ta' deċizzjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. L-evalwazzjoni addizzjonalment tindirizza l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, ir-rilevanza kontinwa tal-obiettivi kollha, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Se tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq l-impatt fit-tul tal-programm preċedenti;

kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-realizzazzjoni tal-obiettivi tal-miżuri kollha (fil-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza tal-użu ta' riżorsi u l-valur addizzjonali Ewropew ta' dan, fid-dawl ta' deċizzjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. L-evalwazzjoni addizzjonalment tindirizza l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, ir-rilevanza kontinwa tal-obiettivi kollha, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Se tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq l-impatt fit-tul tal-programm preċedenti. ***Abbażi ta' din l-evalwazzjoni, u jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni tista' tressaq proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament.***

PROĊEDURA

Titolu	Programm “Konsumaturi” għall-perjodu 2014-2020
Referenzi	COM(2011)0707 – C7-0397/2011 – 2011/0340(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 30.11.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 30.11.2011
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	José Manuel Fernandes 6.2.2012
Data tal-adozzjoni	31.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 –: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Claudio Morganti, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, László Surján, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Edit Herczog, Jürgen Klute, Paul Rübigen, Peter Šťastný, Gianluca Susta